MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 107/2004

Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) u Atlas Insurance Agency Limited (C 5601) u dina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici Estera AXA Insurance p.l.c. f'isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem "Self Drive Insurace Pool"
vs
David Gatt f'ismu proprju u ezercenti l-Kummerc taht l-isem "Windsor Car Hire", Windsor Car Hire Limited (C 10718) u Windsor Garage Car Leasing Limited (C 26249)

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjetajiet atturi li biha ppremettew:

Peress illi s-socjetajiet atturi ezercenti l-kummerc taht l-isem "Self Drive Insurance Pool" johorgu Poloz ta' l-Assikurazzjoni tat-tip "Comprehensive" fuq vetturi tal-kiri tat-tip "Self Drive", u dana fir-'risk proportion' ta' sebgha u sittin punt hamsa fil-mija (67.5%) ghas-socjeta` attrici

GasanMamo Insurance Limited, u tnejn u tletin punt hamsa fil-mija (32.5%) ghas-socjeta` attrici Atlas Insuarance Agency Limited u dina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` assikurattrici estera AXA Insurance p.l.c.

Peress illi matul dawn l-ahhar snin il-konvenut David Gatt f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem "Windsor Car Hire", liema ditta tidher li tappartjeni lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, kien jassigura mas-socjetajiet atturi fil-kwalita` taghhom fuq premessa, taht il-poloz ta' l-Assikurazzjoni bin-numru 77967526FBJ526 il-vettura tal-marka Peugeot 206 XSR bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 526; bin-numru 77967526FBJ523 il-vettura tal-marka Peugeot 406 SR bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 523; bin-numru 77967256FBJ525 il-vettura tal-marka Peugeot 306 XND bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 525; u bin-numru 77967526M2625 il-vettura tal-marka Maruti Gypsy bi chassis number MG71INO219474 – ilkoll vetturi tal-kiri tat-tip "Self Drive".

Peress illi fl-4 ta' Awissu, 2003 gew irrilaxxjati mis-socjetajiet atturi c-certifikati ghall-poloz ta' l-assikurazzjoni bin-numri 77967526FBJ526, 77967526FBJ523, u 77967256FBJ525, filwaqt illi fl-1 ta' Settembru, 2003 gie rilaxxjat mis-socjetajiet atturi c-certifikat ghall-polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru 77967526M2625; u dana fuq inkarigu tal-konvenut David Gatt f' ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem "Windsor Car Hire", jew f' isem is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Peress illi l-premia fuq l-imsemmija poloz ta' l-assikurazzjoni ma thallsux mill-konvenut u/jew mis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, liema premia kellhom jithallsu sat-30 ta' Gunju, 2003 ghall-poloz ta' l-assikurazzjoni numri 77967526FBJ526, 77967526FBJ523 u 77967256FBJ525; u sal-31 ta' Awissu ghall-polza ta' l-assikurazzjoni numru 77967526M2625; u dana wara li l-konvenut David Gatt gie debitament interpellat sabiex ihallas dawn l-istess premia izda baqa' inadempjenti.

Peress illi fl-20 ta' Jannar 2004, permezz ta' ittra registrata, il-konvenut David Gatt gie infurmat mis-socjeta` Island Insurance Brokers Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet atturi, illi ai termini tal-Kundizzjoni Numru Sebgha (7) tal-Poloz ta' l-Assikurazzjoni in kwistjoni l-istess poloz ta' l-assikurazzjoni kienu qeghdin jigu kancellati u mhassra b'effett mis-27 ta' Jannar 2004 u konsegwentement l-istess konvenut gie mitlub sabiex ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta jirritorna c-certifikati tal-poloz ta' l-assikurazzjoni in kwistjoni entro t-terminu perentorju ta' sebat (7) ijiem, u cioe` sat-3 ta' Frar, 2004.

Peress illi sat-3 ta' Frar, 2004 il-konvenut David Gatt fil-kwalitajiet tieghu fuq premessi, minghajr l-ebda raguni valida naqas milli jikkomunika mas-socjeta` Island Insurance Brokers Limited, jew mas-socjetajiet atturi kif kien mitlub jaghmel, u naqas ukoll milli jirritorna c-certifikati tal-poloz ta' l-assikurazzjoni in kwistjoni kif kien obbligat illi jaghmel skond il-ligi, u ghalhekk kellha tigi intavolata l-kawza odjerna.

Is-socjetajiet atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-Poloz ta' l-Assikurazzjoni bin-numru 77967526FBJ526, 77967526FBJ523, 77967256FBJ525 u 77967526M2625, mahruga mill-atturi huma nulli u bla effett ai termini tal-Kundizzjoni numru sebgha (7) tal-Poloz in kwistjoni b'effett mis-27 ta' Jannar 2004 u dana billi ma thallsux il-premia rispettivi fuq l-istess Poloz ta' l-Assikurazzjoni, u ghalhekk il-Poloz in kwistjoni ma jistghux ikunu vinkolanti bejn il-partijiet mid-data msemmija 'l quddiem.

2. Tordna lill-istess konvenuti jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw lill-atturi c-certifikati tal-Poloz ta' l-Assikurazzjoni bin-numri 77967526FBJ526, 77967526FBJ523, 77967256FBJ525 u 77967526M2625.

B’rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ta’ danni spettanti lis-socjetajiet atturi bhala konsegwenza ta’ l-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra registrata ta’ l-20 ta’ Jannar 2004, kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda, id-dikjarazzjoni tal-fatti u d-dokumenti prezentati mac-citazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhud bil-gurament.

Semghet lid-difensur tas-socjetajiet atturi.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Semghet bil-gurament lil Hugh Zammit li irreferixxa ghal dak li hemm fid-dikjarazzjoni tad-Direttur Julian Mamo u dak li hemm fic-citazzjoni u qal li sal-lum ma hemm l-ebda zviluppi f’ dak li jirrigwarda c-citazzjoni. Ikkonferma li ma sar ebda hlas kif ukoll li ebda dokument ma gie ritornat lura lilhom. Anqas ma gew avzati mis-socjeta` l-ohra li effettivament gew ritornati xi dokumenti.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-avukat tas-socjetajiet atturi.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjetajiet atturi u tiddikjara li l-Poloz ta’ l-Assikurazzjoni bin-numru 77967526FBJ526, 77967526FBJ523, 77967256FBJ525 u 77967526M2625,

mahruga mill-atturi huma nulli u bla effett ai termini tal-Kundizzjoni numru sebgha (7) tal-Poloz in kwistjoni b'effett mis-27 ta' Jannar 2004 u dana billi ma thallsux il-premia rispettivi fuq l-istess Poloz ta' l-Assikurazzjoni, u ghalhekk il-Poloz in kwistjoni ma jistghux ikunu vinkolanti bejn il-partijiet mid-data msemmija 'l quddiem, u tordna lill-istess konvenuti jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw lill-atturi c-certifikati tal-Poloz ta' l-Assikurazzjoni bin-numri 77967526FBJ526, 77967526FBJ523, 77967256FBJ525 u 77967526M2625, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------